# IT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

## Ġudikatur
**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**

**Seduta tat-Tlieta, 19 ta' Jannar 2021**

**Talba Numru 58/2020SFJ**

***Paul Farrugia (107467M) u John Farrugia (499868M) eżerċenti l-kummerċ f'isem id-ditta "Farrugia Lighting and Interiors" ta' Triq Dun Karm Xerri, l-Iklin***

***vs.***

***Helen Camilleri***

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba bil-*cash number* 1315/2/2020 ippreżentat fl-24 ta' Frar 2020 li permezz tiegħu l-atturi nomine talbu lit-Tribunal jikkundanna lill-konvenuta tħallashom is-somma ta' tlett mija u wieħed u ħamsin Ewro u ħamsin ċenteżmu (€351.50) rappreżentanti l-bilanċ tal-prezz ta' merkanzija minnha ordnata u lilha mwassla stante li l-konvenuta kienet qed tirrifjuta li tħallas u dan mingħajr raġuni valida skont il-liġi.

Ra li t-Tribunal intalab jikkundanna lill-konvenuta tħallas l-ispejjeż tal-kawża kif ukoll tal-ittra uffiċjali 2472/2019 u l-imgħax legali sad-data tal-pagament effettiv.

Ra li l-konvenuta ġiet validament innotifikata nhar id-9 ta' Marzu 2020 u dan kif jidher mir-riferta relattiva.

Ra li l-konvenuta ma dehret għal ebda seduta u ma ppreżentatx Risposta jew imqar xi sottomissjoni ta' tip ieħor.

Ra n-nota tal-Assistent Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Ċivili ppreżentata fit-18 ta' Diċembru 2020 fejn intqal illi l-process kellu jigi rikostruit mill-gdid peress illi l-process orginali ma setghax jigi intraccat.

Ra li fl-udjenza tal-15 ta’ Diċembru 2020, l-Avv. Timothy Bartolo, għall-atturi nomine, ippreżenta kapitolu għas-subizzjoni tal-konvenuta li permezz tiegħu ried jipprova taħt ġurament li l-konvenuta hija debitriċi tal-atturi nomine skont kif indikat fl-Avviż tat-Talba.

Il-konvenuta ma dehritx għas-seduta għalkemm kienet innotifikata.

Ra li fl-udjenza tal-15 ta’ Diċembru 2020 xehed L-Avv. Paul Farrugia li kkonferma li d-debitriċi ma kienet ħallset xejn. Inoltre, meta ra l-Avviż tat-Talba, ix-xhud ikkonferma l-ammont mitlub taħt ġurament.

Ra d-dokumenti kollha ipprezentati u huwa konvint illi d-debitu huwa dovut mill-konvenuta.

Ra li fl-udjenza tad-19 ta’ Jannar 2021, il-konvenuta reġgħet ma dehritx sabiex tiċħad il-mistoqsija magħmula lilha in subizzjoni u biex tikkontesta l-kawża.

**<u>Deċide</u>**

Għaldaqstant, wara li qara l-atti tal-kawża, sema’ ix-xhud u ra d-dokumentazzjoni kollha, it-Tribunal jaqta’ u jiddeċiedi billi jilqa t-talbiet kollha tal-atturi nomine u jikkundana l-konvenuta thallas is-somma ta’ tlett mija u wieħed u ħamsin Ewro u ħamsin ċenteżmu (€351.50) ,kif ukoll tikkundanna lill-konvenuta tħallas l-ispejjeż tal-kawża, kif ukoll tal-ittra uffiċjali 2472/2019 u l-imgħax legali sad-data tal-pagament effettiv.

**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**
**B.A., L.P., Mag. Iur. (Int. Law), LL.D.**
**Ġudikatur**